MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1205/1996/1

**Ocean Way Company Limited u Fal-Con Limited**

**Vs**

**Carmelo Sammut**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Novembru ta' l-1996 li permezz tieghu is-socjetajiet atturi sejhu lill-konvenut Carmelo Sammut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Illi fi zmien qasir u perentorju jizgombra mill-porzjon ta' art formanti parti mill-medda art maghrufha bhala l-irdum l-Imdawwar li jaghmel mal-Gnejna fil-limiti tal-Imgarr, propjeta' ta' l-attrici (Dokument "A"), liema art hija okkupata minnu minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali in data 20 ta' April, 1995 (Dokument "B"), kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni, u minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi liema azzjoni l-atturi qeghdin jirriservaw li jistitwixxu kontra l-konvenut;**

**3. Ghall-finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-art in kawza ma jaqbizx l-elf lira Maltija (Lm1,000).**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 ta' Dicembru ta' l-1996 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi c-citazzjoni kif proposta hija wahda impropria fil-lokuzzjoni taghha billi ma tezistix fil-ligi okkupazzjoni minghajr titolu in kwantu, per ezempju, anki l-prekarju huwa titolu.**

**2. Illi nonostante l-premess, l-eccipjent ghandu titolu validu ta' lokazzjoni fuq il-porzjon tieghu tar-raba' `de quo' kif facilment jista' jigi ppruvat.**

**3. Illi, gjaladarba tezisti din il-kirja din l-Onorabbli qorti ma hix aktar kompetenti `ratione materiae' li tindaga ulterjorment.**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Ezaminat ix-xhieda precedentement mismugha minn din l-istess qorti diversament presjeduta;**

**Semghet ix-xhieda l-ohra pprezentata quddiemha kif preseduta;**

**Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluz il-verbal konguntiv tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fejn qabblu li l-kawza tipprocedi fir-rigward ta' l-eccezzjonijiet kollha sollevati , liema verbal gie dekretat favorevolment fit-13 ta' Frar tas-sena 2001, inkluzi wkoll in-noti sottomessi mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jista' jkun jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-meritu in dizamina jirrigwarda l-propjeta' maghrufa bhala "L-Irdum l-Imdawwar", sitwata l-Gnejna, limiti ta' l-Imgarr;**

**2. Illi permezz ta' kuntratt in atti tal-mibki Nutar Dottor John P. Hayman datat l-20 ta' Frar ta' l-1995 il-proprjeta' in dizamina inxtrat mis-socjetajiet atturi;**

**3. Illi fl-imsemmi kuntratt il-proprjeta' in dizamina giet indikata bil-mod segwenti:**

**"…..measuring approximately ninety (90) tumoli equivalent to one hundred and one thousand, one hundred and seventy one square meters, (101,171 sq. mts.), bounded by the North-West by property of England Sant Fournier and others, or its assignees, North East by the valley known as Wied Halcun sive Wied il-Hmar, and East, South and West by property of the heirs of the late Major Alfred Sciberras Trigona and others or assignees, which divided portion of**

**land is better shown outlined in red on the plan annexed hereto marked enclosureA…..";**

**4. Illi jirrizulta wkoll mill-istess kuntratt li l-porzjon art in dizamina kien qed jinbiegh:**

**"…..with vacant possession as free from any rights in favour of third parties including farmers";**

**5. Illi jirrizulta wkoll u dan pero', a bazi tax-xhieda mismugha f'din il-procedura li partijiet mill-art de quo kienet okkupata minn bdiewa li kienu jahdmu porzjonijiet assenjati lilhom;**

**6. Illi pero' r-rapprezentant mandatarju ta' min biegh il-propjeta' de quo lis-socjetajiet atturi sostna bil-gurament tieghu li dawn il-bdiewa ma kellhomx titolu u effettivament hadd ma kien ihallas qbiela ghall-porzjon minnu mahdum;**

**7. Illi fuq din l-assigurazzjoni, ovvjament konfortata mir-ricerki minnhom skrutinati li qatt ma ngiebu a konjizzjoni ta' din il-qorti, is-socjetajiet atturi kkonkludew il-kuntratt ta' kompra-vendita fuq riferit;**

**8. Illi jirrizulta li s-socjetajiet atturi kompraturi kienu wkoll effettwaw l-investigazzjonijiet taghhom fejn sabu li fil-propjeta' meritu ta' din il-procedura kien hemm diversi persuni li kienu qed jahdmu r-raba' in dizamina;**

**9. Illi wara diversi laqghat bejn il-kompraturi u l-bdiewa li kienu jahdmu l-porzjonijiet ta' raba' fil-proprjeta' de quo instab li x'uhud mill-istess bdiewa kienu qed jallegaw li kellhom titolu validu fil-ligi biex ikunu jistghu jahdmu l-art de quo;**

**10. Illi l-konvenut Sammut fil-fatt isostni li l-porzjon mill-art in dizamina hi effettivament mahduma minnu;**

**11. Illi dan il-porzjon kien gie tramandat lilu permezz ta' wirt u kien ihallas il-qbiela dovuta regolarment;**

**12. Illi in sostenn ta' dan ipprezenta wkoll dokumentazzjoni relattiva , (ara fol 58 et sequitur), flimkien ma' xhieda okulari ta' persuni li jarawh effettivament jahdem l-istess raba';**

**Ikkunsidrat:**

**Illi jirrizulta f'dan l-istadju li l-konvenut Carmelo Sammut ghandu titolu u konsegwentement l-azzjoni sollevata mis-socjetajiet atturi ma tistax tigi akkolta;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tirrespingi t-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**